

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tad-9 ta' Frar 2023 (talba għal deċiżjoni preliminari ta' Bundesarbeitsgericht – il-Ġermanja) – ZS vs Zweckverband “Kommunale Informationsverarbeitung Sachsen” KISA, Körperschaft des öffentlichen Rechts**

(Kawża C-560/21<sup>(1)</sup>)

*(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Protezzjoni ta' persuni fiziċċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali – Regolament (UE) 2016/679 – Artikolu 38(3) – Ufficijal tal-protezzjoni tad-data – Projbizzjoni tat-tnejhija mill-funzjonijiet tiegħu minħabba t-twettiq tal-kompli tiegħu – Rekwiżit ta' indipendenza funzionali – Leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprojbixxi t-tkeċċija ta' ufficijal tal-protezzjoni tad-data fl-assenza ta' raġuni serja)*

(2023/C 112/07)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Qorti tar-rinviju**

Bundesarbeitsgericht

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: ZS

Konvenuti: Zweckverband “Kommunale Informationsverarbeitung Sachsen” KISA, Körperschaft des öffentlichen Rechts

**Dispożittiv**

It-tieni sentenza tal-Artikolu 38(3) tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiziċċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data), għandha tiġi interpretata fis-sens li ma tipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi li kontrollur jew proċessur ma jistax ikeċċi ufficijal tal-protezzjoni tad-data li huwa membru tal-personal tiegħu ħliet għal raġuni serja, anki jekk it-tkeċċija ma hijiex marbuta mal-eżerċizzju tal-funzjonijiet ta' dan l-ufficijal, sakemm tali leġiżlazzjoni ma tikkompromettix it-twettiq tal-għanijiet ta' dan ir-regolament.

<sup>(1)</sup> ČU C 37, 24.01.2022.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tad-9 ta' Frar 2023 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Finanzgericht Bremen – il-Ġermanja) – LB GmbH. vs Hauptzollamt D**

(Kawża C-635/21<sup>(1)</sup>, LB GmbH (Air loungers))

*(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Unjoni doganali – Tariffa doganali komuni – Nomenklatura Magħquda – Klassifikazzjoni tariffarja – Intestatura 9401 – Portata – Sufani li jintefħu (air loungers))*

(2023/C 112/08)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Qorti tar-rinviju**

Finanzgericht Bremen

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: LB GmbH.

Konvenut: Hauptzollamt D